

**Brussell, 15 ta' Marzu 2024
(OR. en)**

**6690/1/24
REV 1**

**POLGEN 41
ECOFIN 205
EMPL 63
SOC 114
COMPET 183
MI 184
ENV 187
IND 89**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2024 - Rapport ta' sinteżi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-Rapport ta' sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Id-diskussjonijiet relatati li saru f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill fir-rigward tas-Semestru Ewropew tal-2024, matul l-ewwel fażi taċ-ċiklu, huma riflessi wkoll fid-dokument.

Informazzjoni ġenerali

Fil-21 ta' Novembru 2023 il-Kummissjoni adottat il-"Pakkett tal-Ħarifa" għas-Semestru Ewropew tal-2024, li kien jinkludi:

- l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024¹, li stipula l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u tal-impjegi għall-UE għat-12 sat-18-il xahar sussegwenti, f'konformità mal-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva;
- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024², li ta bidu għaċ-ċiklu annwali tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku (MIP), u li l-implimentazzjoni tiegħu hija integrata fis-Semestru Ewropew;
- il-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjegi³, li vvaluta r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol tal-UE, tefa' dawl fuq oqsma fejn sar progress, u fuq oqsma li jridu jitjiebu;
- ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ (rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro) li rrakkomandat li, għall-perjodu 2024-25, l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jaġixxu, individwalment u kollettivament, fil-Grupp tal-Euro.

¹ 15627/23

² 15628/23

³ 15438/23 + ADD1

⁴ 15630/23

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) jiddeskrivi l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għall-UE għat-12 sat-18-il xahar wara l-ħruġ tiegħu. Id-dokument jagħti linji gwida għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-perspettiva ekonomika ppreżentata fl-ASGS kienet imsejsa fuq it-tbassir ekonomiku tal-ħarifa tal-Kummissjoni għal Novembru 2023⁵, li wera li l-ekonomija Ewropea kienet qed tikber b'pass aktar kajman, billi l-PDG ftit li xejn wera sinjali ta' tkabbir fl-ewwel disa' xhur tal-2023 (it-tkabbir tal-PDG fl-2023 kien ta' 0.6 % kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro).

L-ASGS semma sfidi strutturali importanti – bħat-tkabbir baxx tal-produttività, it-tixjiħ, l-inklużjoni soċjali – li hemm bżonn jiġu indirizzati sabiex tinżamm it-triq tal-kompetittività sostenibbli.

Avvenimenti ġeopolitiċi fixkiela wrew ukoll il-ħtieġa li l-UE tibqa' kompetittiva fis-suq globali, waqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika permezz tas-Semestru Ewropew tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn l-isfidi billi tagħti gwida politika ċara u kkoordinata sew għas-sena ta' wara.

L-ASGS iffoka wkoll fuq it-tkomplija tal-integrazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fis-Semestru Ewropew sabiex l-investiment jiġi dirett lejn oqsma li jeħtieġu riforma.

⁵ [Tbassir Ekonomiku Ewropew Ħarifa 2023](#)

Fis-16 ta' Jannar 2024, il-Kunsill ECOFIN approva **konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024**⁶. Il-ministri rrikonoxxew li l-inċertezza u r-riskji negattivi għall-prospettiva ekonomika żdiedu fix-xhur ta' qabel, l-aktar minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-volatilità tas-swieq tal-enerġija, iżda madankollu huwa mistenni rkupru gradwali fit-tkabbir għall-2024, appoġġat minn suq tax-xogħol li għadu b'saħħtu u l-proċess diżinflazzjonarju li baqa' għaddej.

B'mod ġenerali, il-Kunsill qabel mal-isfidi u l-prijoritajiet ekonomiċi deskritti fl-ASGS. Huwa ssottolinja l-importanza ta' azzjonijiet ta' politika rapidi u kkoordinati għat-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE, b'enfasi fuq l-indirizzar tal-isfidi futuri, l-aktar b'rabta mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u t-tixxijiet tal-popolazzjoni.

Il-ministri nnutaw li fl-2024, is-Semestru Ewropew ser jibqa' marbut mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza u jiżgura il-komplementarjetà tar-riformi u l-investiment ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE. Is-Semestru Ewropew għandu primarjament jibqa' ffukat fuq il-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi, fosthom l-isfidi għar-riforma u għall-investiment li ma kinux indirizzati fil-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza, waqt li jevita d-duplikazzjonijiet bejn il-flussi differenti ta' ħidma ta' sorveljanza.

⁶ 5476/24

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Jannar 2024 dwar ir-**Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024**⁷, il-Kunsill qabel ukoll mal-valutazzjoni tad-dokument dwar l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-riskji li qed ifeġġu. Il-ministri appellaw għall-implimentazzjoni effiċjenti u l-integrazzjoni aħjar tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fil-qafas tal-governanza ekonomika u semmew il-ħtieġa tal-monitoraġġ tal-iżbilanċi eżistenti u ta' dawk li jistgħu jfiegħu, u ta' rispons politiku f'waqtu, inkluż l-implimentazzjoni tar-riformi rilevanti kif irrakkomandat fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u kif inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Fl-abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁸ tal-2024, l-Istati Membri ngħataw rakkomandazzjoni li jnaqqsu l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija mill-aktar fis possibbli matul is-sena attwali u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċits. L-ekonomiji taż-żona tal-euro għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni bla heda, rapida u effettiva tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, waqt li jagħmlu użu sħiħ mill-programmi ta' politika ta' koeżjoni u jiggarantixxu li r-rieżami tagħhom ta' nofs it-terminu jqis l-isfidi l-ġodda u r-rakkomandazzjonijiet identifikati fis-Semestru Ewropew u l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mingħajr ma jnaqqsu l-ambizzjoni ġenerali tagħhom.

⁷ 5477/24

⁸ 5025/24

Rigward l-aspetti soċjali u tal-impjiegi⁹ tal-abbozz tar-**Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**, l-Istati Membri ġew imħeġġa jappoġġaw żviluppi fil-pagi li jtaffu t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist, speċjalment għall-ħaddiema b'paga baxxa, waqt li jqisu kif xieraq ir-riskji għall-inflazzjoni u d-dinamika tal-kompetittività, waqt li wkoll jevitaw diverġenzi dejjiema fiż-żona tal-euro. Huma għandhom jimplimentaw politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u jżidu l-produttività u t-tkabbir, filwaqt li jħarsu u jsaħħu sistemi adegwati u sostenibbli tal-protezzjoni u tal-inklużjoni soċjali.

L-adozzjoni tar-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** għandha ssir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024.

Fil-11 ta' Marzu 2024, il-Kunsill EPSCO adotta r-**Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024**¹⁰ (JER). Id-dokument ippreżenta s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. Ir-rapport identifika wkoll oqsma relatati ta' prijorità ewlenija għal azzjoni politika. Il-JER tal-2024 itenni l-enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Huwa jimmonitorja l-progress lejn il-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet, u t-tnaqqis tal-faqar li kienu milqugħa mill-mexxejja tal-UE f'Porto¹¹, u mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2021¹².

⁹ 5146/24

¹⁰ 6073/24

¹¹ [Id-Dikjarazzjoni ta' Porto](#)

¹² [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 24-25 ta' Ġunju 2021](#)

Matul l-istess laqgħa, il-Kunsill approva **Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi**¹³. Fid-dokument, il-Kunsill appella lill-Istati Membri biex jirriflettu fuq il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom u biex iżidu l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex jilħqu l-miri ewlenin tal-UE u daww nazzjonali għall-2030. Appella wkoll lill-Istati Membri biex ikomplu jimmodernizzaw is-sistemi tal-protezzjoni u tal-inklużjoni soċjali u biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fost it-tfal, anke fid-dawl tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, ix-xejriet demografiċi, l-impatt tal-inflazzjoni għolja fuq il-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u ż-żieda fil-livell tal-faqar enerġetiku.

Skambju ta' fehmiet u dibattiti ta' orjentazzjoni

Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill **EPSCO** kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar in-negozjar kollettiv ekoloġiku, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Xi Stati Membri osservaw li n-negozjar kollettiv ekoloġiku f'xi pajjiżi tal-UE kien għadu fil-fażi tal-bidu tiegħu iżda ammettew li s-suġġett jista' jikseb aktar prominenza. L-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri dwar in-negozjar ekoloġiku ntlaqa' tajjeb. Il-ġustizzja soċjali u l-protezzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet huma bżonnijiet meħtieġa biex jaqblu mat-tipi ġodda ta' impjiegi fil-qafas tat-tranżizzjoni ekoloġika, kif imsemmi minn xi Stati Membri. Is-sħab soċjali għandhom ikunu involuti fl-indirizzar tal-konsegwenzi tat-tranżizzjoni ekoloġika fil-qafas tad-djalogu soċjali.

¹³ 6791/1/24 + COR 1

Fit-8 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill **ECOFIN** kellu skambju ta' fehmiet dwar is-Semestru Ewropew, wara l-preżentazzjoni tal-pakkett tal-ħarifa mill-Kummissjoni. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli jiddeskrivi l-prijoritajiet ta' politika ekonomika u tal-impjieg għall-UE; ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija li jagħti bidu għaċ-ċiklu annwali tal-proċeduri ta' żbilanċ makroekonomiku; ir-rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro li tagħti rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri taż-żona tal-euro dwar il-politiki li jaffettwaw il-funzjonament taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

Fil-11 ta' Marzu 2024, il-Kunsill **EPSCO** kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-aġenda soċjali futura, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prijoritajiet politiċi għaċ-ċiklu leġislattiv li jmiss. Ħafna Stati Membri rrikonoxxew l-EPRS bħala waħda mill-kisbiet ewlenin tal-UE u qiesu li għandu jibqa' l-boxxla tal-politika soċjali għaċ-ċiklu politiku li jmiss. Fost l-isfidi, l-Istati Membri rreferew għall-adattament għat-tranżizzjoni doppja u d-diskrepanza fil-ħiliet li tirriżulta, ix-xejriet demografiċi/it-tixjir tal-popolazzjoni u l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

L-"Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew", proċess li normalment iseħħ taħt il-*filière* tal-Kunsill **Ambjent**, esplorat progressivament modi kif jiġu introdotti aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali fis-Semestru Ewropew, filwaqt li kkontribwiet biex jinstabu sinerġiji mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġettivi prijoritarji tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali. Fl-1 ta' Marzu 2024, permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub dwar l-aspetti ambjentali tas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa ta' faċilitaturi ekonomiċi trasversali li jikkontribwixxu biex tinkiseb it-tranżizzjoni lejn sistemi ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità u titrawwem l-innovazzjoni fit-teknoloġiji ekoloġiċi.

B'rikonoxximent tad-dimensjoni Parlamentari tas-Semestru Ewropew, il-Presidenza organizzat b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew il-Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew 2024¹⁴ (12-13 ta' Frar 2024) dwar il-governanza ekonomika tal-UE minn prospettiva parlamentari u pparteċipat fid-dibattitu konġunt tal-Parlament Ewropew dwar is-Semestru Ewropew (13 ta' Marzu 2024).

¹⁴ [Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea | Il-Parlament Ewropew \(europa.eu\)](https://www.europa.eu)